**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 22 ta' Marzu 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Vs**

**LEANDROSS CUTAJAR**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Leandross Cutajar detentur tal-karta tal-identita bin-numru 389684M fejn gie akkuzat talli;

1) Fil-21 ta' Marzu 2021, ghall-habta ta' nofsinhar u ghaxra fi Triq Guzeppi Lanzon, Marsaskala bil-hsieb li jaghmel delitt permezz ta' serq ta' ghodda tal-kostruzzjoni wera dan il-hsieb b'atti esterni, ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

2) Bejn l-erbgha u nofs ta’ wara nofsinhar tas-16 ta’ Marzu 2021 u is-sitta u nofs ta’ filghodu tas-17 ta’ Marzu 2021 fi Triq il-Mahsel, Marsaskala, kkommetta serq ta’ ghodda, liema serq hu kkwalifikat bil-hin u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

3) U aktar talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 & 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali tallum stess 22 ta’ Marzu 2021;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m’ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat;**

**Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni bikrija tal-imputat, il-kondotta tieghu li hija wahda refrattarja, u il-fatt, kif ivverbalizzat fl-udejnza tallum stess, illi l-imputat huwa afflitt mill-problema tal-konsum tad-droga. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha qed jigu riflessi fil-piena ikkontemplata.**

KONKLUZJONI.

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 41, 49, 50, 289, 261(C)(F), 267, 270, 279(A), 280(1) U 281 TAL-KAP.9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA,** issib lill-imputat hati, fuq ammisjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet kif dedotti u tikkundannah ghall-piena ta` sentejn (2) prigunerija.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korretiva ta' Kordin sabiex jghati lil Leandross Cutajar l-ghajnuna mehtiega sabiex jiggieled it-tossiko dipendenza tieghu.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur